PARLAMENT EWROPEW 2014 - 2019

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2014/2220(INI)**

16.12.2014

# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni)
(0000/2014 – C8-0000/2014 – 2014/2220(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Arnaud Danjean



Magħquda fid-diversità

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW ..............................3

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni)**
**(0000/2014 – C8-0000/2014 – 2014/2220(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (abbażi tar-Rapport Annwali tal-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni) (0000/2014 - C80000/2014),

– wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ/VP) lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, b'mod partikolari l-partijiet dwar il-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża (12094/14)),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 u t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 21, 24 u 36 tiegħu;

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-18 ta' Diċembru 2013,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Konferenza Interparlamentari għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-4 ta' April 2014 u s-7 ta' Novembru 2014,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà, "Ewropa Sigura f'Dinja Aħjar", adottata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003, u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tagħha "Nipprovdu s-Sigurtà f'Dinja li qed Tinbidel", approvat mill-Kunsill Ewropew tal-11 u t-12 ta' Diċembru 2008,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-25 ta' Novembru 2013 u tat-18 ta' Novembru 2014,

– wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tas-7 ta' Lulju 2014 mir-RGħ/VP u l-Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2013,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-RGħ/VP u l-Kummissjoni dwar "L-approċċ komprensiv tal-UE rigward il-konflitti u l-kriżijiet esterni" u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2014,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur u l-konklużjonijiet relatati tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2013, kif ukoll il-Qafas ta' Politika għaċ-Ċiberdifiża tal-UE adottat fit-18 ta' Novembru 2014,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tas-Sigurtà Marittima tal-UE tal-24 ta' Ġunju 2014,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Klawżola ta' Solidarjetà mill-Unjoni,

– wara li kkunsidra l-Qafas ta' Politika għall-Kooperazzjoni Sistematika u fit-Tul fil-Qasam tad-Difiża tat-18 ta' Novembru 2014,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Lulju 2013 "Lejn settur tad-difiża u tas-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti" (COM(2013)0542) u l-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali tal-24 ta' Ġunju 2014 (COM(2014)0387),

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE[2],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, b'mod partikolari dawk tal-21 ta' Novembru 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni[3] u dwar il-Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea[4] u tat-12 ta' Settembru 2013 dwar id-Dimensjoni Marittima tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni[5] u dwar l-istrutturi militari tal-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti futuri[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' April 2014 dwar l-approċċ komprensiv tal-UE u l-implikazzjonijiet tiegħu għall-koerenza tal-azzjoni esterna tal-UE[7],

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rieżami 2013 tal-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-SEAE[8] u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami tas-SEAE tal-2013 tas-17 ta' December 2013[9],

– wara li kkunsidra l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti,

[1] ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.
[2] ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.
[3] Testi adottati, P7_TA(2013)0513.
[4] Testi adottati, P7_TA(2013)0514.
[5] Testi adottati, P7_TA(2013)0380.
[6] Testi adottati, P7_TA(2013)0381.
[7] Testi adottati, P7_TA(2014)0286.
[8] Testi adottati, P7_TA(2013)0278.
[9] http://eeas.europa.eu/library/publications/2013/3/2013_eeas_review_mt.pdf

– wara li kkunsidra l-Artikolu 132(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0000/2014),

***Kuntest ta' sigurtà ġenerali***

1. Jemmen li l-ambjent ta' sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-viċinat tagħha qed isir dejjem iktar instabbli u volatili; jikkunsidra li l-gwerra fl-Ukraina, il-kunflitti fis-Sirja u fl-Iraq, flimkien mat-twaqqif tal-organizzazzjoni terrorista tal-ISIS, il-kriżi Libjana u t-theddida terrorista fis-Saħel jirrappreżentaw theddid dirett għas-sigurtà tal-Unjoni; barra minn hekk jikkunsidra li r-riorjentament Amerikan lejn l-Asja-Paċifiku u l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja fuq il-baġits u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri lkoll jaċċentwaw il-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tassumi responsabbiltà ikbar għas-sigurtà u d-difiża tagħha stess;

2. Jemmen li dan il-livell ta' nuqqas ta' sigurtà fil-fruntieri u fil-viċinanzi qrib l-Unjoni Ewropea huwa bla preċedent mill-ħolqien tal-PESD/PSDK fl-aħħar tas-snin 90; jinsab imħasseb dwar kemm l-Unjoni se tkun kapaċi jkollha rwol deċiżiv biex taffaċċja kull waħda minn dawn it-theddidiet u li ta' spiss wisq ikollha tibbaża fuq l-inizjattivi ta' xi wieħed mill-Istati Membri jew fuq alleanzi *ad hoc* fejn ir-rwol tagħha jkun biss marġinali jew ta' appoġġ;

3. Jikkunsidra li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jadattaw b'urġenza għal dawn l-isfidi ġodda għas-sigurtà, b'mod partikolari bl-użu effikaċi tal-għodod eżistenti tal-PSDK, permezz ta' koordinazzjoni iktar b'saħħitha tal-azzjonijiet nazzjonali u jekk ikun il-każ, bl-implimentazzjoni pragmatika u flessibbli tal-mekkaniżmi ġodda tal-espressjoni tas-solidarjetà Ewropea;

4. Jenfasizza li l-qawwa u r-rilevanza tal-Unjoni jinsabu fil-kapaċità tagħha li b'mod simultanju timmobilizza firxa wiesgħa ta' strumenti b'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-NU; jinsisti fuq il-fatt li l-istrumenti militari u ċivili tal-PSDK jagħmlu parti integrali minn dan l-approċċ globali;

***Mill-Kunsill ta' Diċembru 2013 sa Ġunju 2015: Il-PSDK prijorità vera?***

5. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2013, li jirrikonoxxu l-ħtieġa li l-PSDK tissaħħaħ, li l-effikaċja, il-viżibbiltà u l-impatt tagħha jittejbu, li l-iżvilupp tal-kapaċitajiet jitqawwa u u li l-industrija Ewropea tad-difiża tissaħħaħ;

6. Jemmen madankollu li l-impetu politiku mogħti fl-2013 ma ssarrafx fl-implimentazzjoni ta' miżuri konkreti li jilħqu l-ambizzjonijiet imsemmija, jikkunsidra li llum l-Unjoni għad m'għandhiex mezzi operattivi, ta' kapaċità u industrijali li jippermettulha tikkontribwixxi b'mod deċiżiv fil-ġestjoni tal-kriżijiet internazzjonali u għall-affermazzjoni tal-awtonomija strateġika tagħha;

7. Jilqa' l-ħatra tar-RGħ/VP il-ġdida tal-Unjoni Ewropea, Federica Mogherini; ifaħħar l-ewwel dikjarazzjonijiet tagħha u d-deċiżjoni tagħha li tippresjedi l-Kunsilli Affarijiet Barranin u Difiża, deċiżjoni li turi l-interess tagħha fil-PSDK; jittama li l-pożizzjoni tagħha tirriżulta fi spinta pożittiva għall-iżvilupp tal-PSDK;

8. Jittama li minn issa sal-Kunsill Ewropew ta’ Ġunju 2015, li se jiffoka mill-ġdid fuq il-kwistjonijiet tad-difiża, l-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet Ewropej se jkunu jistgħu jippreżentaw miżuri konkreti konformi mal-impenji li saru f’Diċembru 2013;

*Missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK*

9. Jinnota li l-aħħar operazzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK għadhom ibatu minn lakuni strutturali li ilhom magħrufa ħafna snin: proċessi deċiżjonali twal u riġidi, inadegwatezza tal-mandati tal-missjonijiet mal-ambjent tal-evoluzzjoni tagħhom, problema tal-ġenerazzjoni tal-forza, nuqqas ta’ kapaċità ta' reazzjoni loġistika u nuqqas ta' mezzi finanzjarji;

10. Jikkunsidra li l-kwistjoni tal-finanzjament tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet tal-PSDK hija kruċjali jekk wieħed jixtieq jiżgura l-futur ta’ din il-politika; jiddispjaċih li d-dibattitu mniedi mill-Kunsill ta’ Diċembru 2013 dwar dan is-suġġett s’issa għadu ma wassal għall-ebda proposta konkreta; jitlob li l-mekkaniżmu Athena jieħu f’idejh b’mod sistematiku l-finanzjament tan-nefqiet relatati mal-iskjerament tal-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-PSDK u li jkun jista’ jimmaniġġja l-finanzi mill-Istati Membri fuq bażi bilaterali, minn Stati terzi jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, b'tali mod li jkunu jistgħu jipparteċipaw finanzjarjament f’operazzjoni;

11. Jinnota li l-missjonijiet ċivili mnedija mill-Unjoni Ewropea sa mill-2009 ta’ spiss wisq ikunu mfassla biex jagħtu viżibbiltà lill-Unjoni fi kriżi u mhux bħala għodda strateġika li tirrispondi għal analiżi u ppjanar bir-reqqa; jemmen li dawn il-missjonijiet m’għandhomx ikunu alibi tal-preżenza tal-Unjoni iżda għodod politiċi vera, operazzjonali, effikaċi u responsabbli, li jintegraw fi strateġija ta’ azzjoni globali;

12. Jistaqsi, pereżempju, dwar ir-rilevanza tal-iskjerament u ż-żamma tal- missjoni ta’ assistenza fil-fruntieri tal-Libja (EUBAM Libya), f’ambjent istituzzjonali u ta' sigurtà li qatt ma ppermettielha taqdi l-objettivi bażiċi identifikati;

13. Jiddispjaċih ukoll, fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Istrixxa ta’ Gaża, li d-diskussjonijiet tal-Kunsill dwar il-Missjoni ta’ Assistenza fil-fruntieri f’Rafah (EUBAM Rafah) għadhom ma tlestewx; jitlob riattivazzjoni tal-missjoni, kif ukoll tal-valutazzjoni mill-ġdid tal-mandat tagħha, il-persunal tagħha u r-riżorsi tagħha sabiex tkun tista’ jkollha rwol fil-kontroll tal-fruntieri ta’ Gaża mal-Eġittu u l-Iżrael;

14. Jinnota li l-missjoni ambizzjuża tal-infurzar tal-kapaċitajiet marittmi reġjonali fil-Qarn tal-Afrika (EUCAP Nestor) tagħmel parti minn ambjent istituzzjonali u operattiv saturat b'operaturi internazzjonali multilaterali u bilaterali, inkluż bi strumenti komunitarji, fatt li jaffettwa l-viżibbiltà u l-identifikazzjoni preċiża tal-objettivi tagħha u għalhekk tar-riżultati konkreti tagħha;

15. Jinnota l-eżistenza minn Ġunju 2013 ta’ maħżen li jippermetti l-iskjerament rapidu tal-mezzi meħtieġa għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK; jemmen li dan il-maħżen, biex jintuża b’mod effettiv, għandu jkun għas-servizz tal-mexxej tal-missjoni ikkonċernata u tal-ħtiġijiet li jidentifika hu u ma jkunx dipendenti fuq id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni; jitlob rapport tal-attivitajiet annwali ta’ dan il-maħżen sabiex ikun jista’ jivvaluta b’mod konkret il-valur miżjud tiegħu għar-rapidità tal-iskjerament tal-missjonijiet ċivili;

16. Jilqa' l-istudji li għaddejjin għall-ħolqien ta' ċentru tas-servizzi komuni li jgħaqqad flimkien ir-riżorsi għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK; jemmen li l-aktar soluzzjoni effikaċi tkun dik li wieħed ikollu struttura istituzzjonali waħda fi ħdan is-SEAE li tiċċentralizza u ttejjeb is-servizzi tal-missjonijiet ċivili (riżorsi umani, IT, loġistika ...) li bħalissa huma mferrxa f'kull missjoni;

17. Jinnota li l-operazzjonijiet militari tal-PSDK qed ikunu dejjem iktar missjoniet iffukati fuq it-taħriġ tal-forzi armati (EUTM Mali u l-EUTM Somalia); jifraħ bis-suċċess ta' dawn l-operazzjonijiet, iżda jiddispjaċih li l-missjonijiet b'mandat eżekuttiv issa rarament jiġu kkunsidrati; jemmen li, minħabba t-theddid persistenti fuq il-viċinat tagħna, l-UE ma tistax taffordja li tiffoka biss fuq l-istrumenti ta' wara kriżi jew ta' appoġġ wara l-kriżi u trid tkun kapaċi tintervjeni fuq l-ispettru sħiħ tal-ġestjoni tal-kriżi;

18. Jiddeplora l-problemi tal-ġenerazzjoni tal-forza esperjenzati matul il-varar tal-missjonijiet militari; jinnota li ħlief għall-EUTM Mali, li tiddependi fuq il-kontribut effettiv ta' 23 Stat Membru, l-operazzjonijiet militari li għaddejjin tal-Unjoni ma jikkonċernawx lil kull wieħed minnhom, iżda jolqtu massimu ta' nofs tużżana mill-Istati Membri; jemmen li l-kontribut ta' Stati terzi jattesta l-vitalità tal-imsieħba tal-PSDK imma jirrifletti l-iktar skuntentizza tal-Istati Membri;

19. Jistaqsi, fid-dawl tal-fatt li l-missjonijiet kemm ċivili (EUCAP) u militari (EUTM) tal-Unjoni qed jimxu lejn it-taħriġ; dwar ir-rilevanza tal-ħolqien ta' politika strutturali bil-għan li dawn il-missjonijiet jibqgħu joperaw matul iż-żmien, filwaqt li jipprovdu appoġġ finanzjarju u fit-tagħmir; jemmen li din il-politika l-ġdida li se tkun fil-qafas tal-kooperazzjoni u l-iżvilupp se tippermetti l-implimentazzjoni tal-ħidma li għaddejja fil-qasam tal-inizjattivi "Train and Equip" u "E2I" immirati biex jibnu l-kapaċità fit-tul tal-istati terzi (tagħmir, materjal, infrastruttura, pagi) sabiex dawn ikollhom forzi armati operazzjonali;

20. Jilqa' l-impenn tal-Kunsill ta' Novembru 2013 biex itejjeb il-modularità u l-flessibilità tal-gruppi tattiċi (GTUE) sakemm dawn ikunu disponibbli għal kwalunkwe tip ta' kompitu ta' ġestjoni ta' kriżi; madankollu, jinnota li s'issa, l-unika avvanz kien dak – limitat ħafna – li jitqies li trasport strateġiku tal-GTUE lejn iż-żoni tal-operazzjonijiet ikun appoġġjat mill-mekkaniżmu Athena; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha biex juru attitudni kostruttiva u jirrimedjaw darba għal dejjem għall-ostakli politiċi u operattivi għall-iskjerament tal-EUBG;

21. Jilqa' l-messaġġ pożittiv tal-aħħar Kunsill informali tal-Ministri tad-Difiża biex jiġi studjat il-potenzjal tal-Artikolu 44 tat-Trattat tal-UE; madankollu jiddispjaċih li d-diviżjonijiet dwar is-suġġett għadhom ma ppermettew l-ebda avvanz dwar it-termini tal-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu; jemmen li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 44 għandha ttejjeb b'mod konsiderevoli l-flessibbiltà u l-veloċità tal-azzjoni tal-Unjoni u għaldaqstant l-abbiltà tagħha li tittratta t-theddid li jdawwarha; iħeġġeġ lill-Istati Membri li mhumiex interessati jew li m'għandhomx il-mezzi biex jipparteċipaw fl-operazzjonijiet tal-PSDK biex jaġixxu b'mod kostruttiv billi jippermettu lill-oħrajn li jieħdu azzjoni jekk ikunu jixtiequ;

22. Jitlob lir-RGħ/VP tistudja wkoll il-potenzjal tal-Artikoli l-oħra rilevanti tat-Trattat ta' Lisbona;

23. Jitlob li l-possibbiltà tal-użu – fil-formati li jirrispettaw modularità indispensabbli – ta' persunal multilaterali kostitwiti u li jkunu taw prova tal-effikaċja tagħhom fil-qasam, bħall-Eurocorps ta' Strasburgu, tiġi kkunsidrata serjament;

24. Jinsisti dwar l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istituzzjonijiet Internazzjonali, b'mod partikolari man-NU, in-NATO, l-UA u l-OSKE; jilqa' d-dikjarazzjoni tas-summit tan-NATO f'Wales f'Settembru li għadda, li ttenni l-appoġġ tagħha għall-iżvilupp tal-PSDK;

*Il-Qasam tal-Kapaċità*

25. Jikkunsidra li l-effetti tal-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008 wasslu għat-tnaqqis fil-baġits tad-difiża nazzjonali u li dan it-tnaqqis sar mingħajr ebda koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, u dan jhedded l-awtonomija strateġika tal-Unjoni u l-kapaċità tal-Istati Membri biex jimplimentaw il-bżonnijiet tal-kapaċità tal-forzi armati tagħhom;

26. Jilqa' l-adozzjoni, waqt il-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2014, ta' qafas politiku għall-kooperazzjoni sistematika u fit-tul fil-qasam tad-difiża, li jibbaża fuq il-konverġenza tal-proċess tal-ippjanar tal-kapaċità u l-iskambju tal-informazzjoni;

27. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill ta' Novembru li għadda tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet (CDP) 2014 tal-EDA, li jiddetermina s-16-il prijorità tal-iżvilupp tal-kapaċità; jilqa' wkoll il-ħidma tal-EDA permezz tal-Codaba li tidentifika l-possibiltajiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, biex b'hekk titwitta t-triq għal possibiltajiet ta' kooperazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw dawn l-għodod fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari tagħhom;

28. Huwa sorpriż li l-iskemi ta' inċentiv tat-taxxa għall-kooperazzjoni u l-akkomunament għadhom ma jeżistux fil-livell Ewropew; jinnota s-sejħa tal-Kunsill ta' Diċembru 2013 biex jiġu studjati mezzi bħal dawn u jiddispjaċih li wara sena, id-diskussjonijiet għadhom ma wasslu għall-ebda miżura konkreta f'dan il-qasam; jinnota li l-gvern Belġjan diġà jagħti, b'mod ad hoc, eżenzjonijiet tal-VAT f'fażijiet preparatorji ta' xi proġetti tal-EDA, bħas-Satcom; iqis li dawn l-eżenzjonijiet għandhom ikunu sistematiċi u mwessa' għall-infrastrutturi u l-programmi konkreti tal-kapaċità;

29. Jilqa' l-mudelli eżistenti ta' kooperazzjoni bħall-EATC u l-estensjoni kontinwa tiegħu għal Stati Membri ġodda; jiddispjaċih li dan il-mudell li ilu jeżisti għal ħafna snin għadu ma ġiex adattat għal tipi oħra ta' kapaċitajiet ta' difiża; jistieden li l-mudell tal-EATC jerġa' jintuża f'oqsma oħra ta' appoġġ operazzjonali biex jimtlew id-defiċits ewlenin fil-kapaċità;

30. Jinnota l-progress limitat li sar fil-proġetti ta' akkomunament u qsim; b'mod partikolari jilqa' l-progress li sar fil-qasam tar-rifورniment tal-karburant fl-arja, bl-akkwist ta' flotta ta' ajruplani MRTT; jiddispjaċih li numru limitat ħafna ta' Stati Membri biss ipparteċipaw sal-lum f'dan il-proġett u jistieden lill-Istati Membri li għandhom nuqqasijiet f'dan il-qasam biex jissieħbu;

31. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kunsill li jiġu żviluppati proġetti konġunti fil-qasam tat-teknoloġiji kritiċi, bħall-RPAS u l-Govsatcom; jinnota l-ħtieġa għall-RPAS li

tistabbilixxi qafas regolatorju għall-integrazzjoni inizjali tagħhom fis-sistema tal-avjazzjoni Ewropea minn issa sal-2016, bil-qies tal-bżonnijiet ċivili u militari;

32. Jilqa' l-progress li sar fil-livell tas-servizzi satellitari fl-Unjoni Ewropea (Galileo, Copernicus, EGNOS); jemmen li dawn is-servizzi spazjali, b'mod partikolari l-Copernicus, għandhom jiġu operazzjonalizzati biex isostnu l-bżonnijiet tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK b'immaġini bis-satellita b'riżoluzzjoni għolja; jilqa' t-tnedija tal-proġett Ariane 6; jiddispjaċih li, għal raġunijiet tekniċi u kummerċjali, l-Unjoni tkompli tikseb lanċaturi Russi, b'kontradizzjoni mal-objettiv tagħha li tikseb ċertu awtonomija strateġika;

33. Jemmen li l-UE tista' tadotta l-istess objettivi tal-kapaċità bħal dawk tan-NATO, li jeħtieġu nfiq minimu għad-difiża ta' 2 % tal-PDG u 20 % tal-baġit tagħhom għad-difiża f'tagħmir maġġuri, inklużi r-riċerka u l-iżvilupp;

*Il-Qasam Industrijali*

34. Iqis li s-swieq tad-difiża huma speċifiċi ħafna, minħabba li d-domanda tkun kważi esklussivament mill-ordni pubbliku, in-numru limitat ta' kumpaniji fis-suq, il-perjodu sinifikanti ta' żvilupp tal-prodotti u taż-żamma fis-servizz tagħhom u n-natura strateġika ta' ċerti teknoloġiji;

35. Jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Lulju 2013, "Lejn settur Ewropew tad-difiża u tas-sigurtà aktar kompetittiv u effiċjenti", kif ukoll il-pjan direzzjonali ta' Ġunju 2014 dwar l-implimentazzjoni tagħha u l-proposti li saru fiha, b'mod partikolari, għal implimentazzjoni aħjar tad-Direttivi 2009/81/KE u 2009/43/KE tas-suq intern;

36. Jemmen li dawn il-miżuri kollha jkunu jeħtieġu definizzjoni komuni minn qabel tal-ambitu tal-EDTIB, sabiex ikunu jistgħu jimmiraw fuq dawk il-kumpaniji jew attivitajiet strateġiċi li jistgħu jibbenefikaw;

37. Jinnota x-xewqa tal-Kunsill li jimplimenta sistema Ewropea tas-sigurtà tal-provvista, sakemm l-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin u jindirizzaw malajr il-ħtiġijiet tagħhom fil-qasam tad-difiża; jistenna l-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni, li se jipprovdi għażliet ta' implimentazzjoni;

38. Jemmen li l-ebda gvern ma jista' jniedi waħdu programmi ta' R&T fuq skala reali; għalhekk jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp ta' sinerġiji bejn ir-riċerka ċivili u ta' difiża; jilqa' wkoll it-tnedija tal-azzjonijiet preparatorji (AP) u jittama li l-AP fil-qasam tal-PSDK jistgħu jwasslu għall-finanzjament ta' suġġett ta' riċerka fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

39. Jitlob, madankollu, għal iktar viġilanza, kemm dwar il-kwistjonijiet ta' governanza, drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kofinanzjament u regoli ta' parteċipazzjoni ta' din id-Difiża ta' AP; jitlob li l-Istati Membri jkunu involuti bis-sħiħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, biex jevitaw eċċessi burokratiċi u jiġi żgurat li l-programmi jilħqu l-bżonnijiet strateġiċi tal-PSDK u tal-Istati Membri;

40. Jinnota l-proposti tal-Kummissjoni bil-għan li tippromwovi l-istabbiliment ta' standards

u ta' proċeduri ta' ċertifikazzjoni komuni għat-tagħmir tad-difiża; minn dan il-lat jistenna l-pjan direzzjonali tal-EDA u tal-Kummissjoni għall-iżvilupp ta' standards industrijali fil-qasam tad-difiża, kif ukoll għażliet tal-EDA u l-EASA biex itejbu r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikazzjoni militari fl-Unjoni Ewropea;

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-VP/RGħ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-President fil-kariga tal-OSKE, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, lill-President tal-Assemblea tal-Unjoni Afrikana kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN.